**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Novembru 2017**

**Kawza Nru. 4**
**Rikors Nru. 78/10 JZM**

**Charles Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 979047M)**

***kontra***

**Agius Stone Works Limited (C9202)**

***u***

**Angelo Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 291451M) ; Joseph Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 291551M) ; Nazzareno Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 264452M) ; Rosario Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 745260M) ; u Lawrence Agius (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 139950M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ipprezentat fit-28 ta` Jannar 2010 li jaqra hekk :–

***Introduzzjoni***

*1. Illi l-esponenti huwa azzjonist fil-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited u qieghed jipprezenta dan ir-rikors in forza tad-dritt ta` azzjoni moghti lilu skont l-artiklu 402 tal-Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi l-esponenti ghandu mitt (100) sehem ordinarju fil-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited u dan minn total ta` sitt mitt (600) sehem ordinarju, u dan kif jirrizulta mill-Memorandum and Articles tal-istess kumpanija li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument CA1" ;*

*3. Illi l-intimati l-ohra Angelo Agius, Joseph Agius, Nazzareno Agius, Rosario Agius u Lawrence Agius ilkoll ahwa tar-rikorrenti huma l-azzjonisti l-ohra tal-kumpanija intimata ;*

*4. Illi l-intimati Angelo Agius, Joseph Agius, Nazzareno Agius, Rosario Agius u Lawrence Agius, flimkien mar-rikorrenti Charles Agius, huma d-diretturi tal-kumpanija intimata ;*

***Raguni tat-talba***

*5. Illi l-esponenti qieghed jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited tmexxew u qeghdin jitmexxew u x`aktarx se jkomplu jitmexxew b`mod li, u jew li xi atti u jew ommissjonijiet tal-istess kumpanija kienu, huma u x`aktarx se jkunu, oppressivi, b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, u b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal u b`mod li huwa kontra l-interessi tal-istess esponenti ;*

*6. Illi r-ragunijiet li fuqhom huwa bbazat l-ilment tal-esponenti jinkludu, fost ohrajn, is-segwenti fatti :*

*Ghall-habta tas-sena elfejn (2000), l-intimati eskludew kompletament lill-esponenti mit-tmexxija u d-direzzjoni tal-kumpanija intimata bi vjolenza u*

*ad dirittura gie projbit milli jaccedi ghall-fond minn fejn din il-kumpanija topera b`mod ghal kollox abbuziv u illegali ;*

*Minn dak iz-zmien sal-gurnata tal-lum, l-esponenti la ppercepixxa l-pagamenti dovuti lilu in konnessjoni ma` xoghol li huwa kien ghamel ghall-kumpanija intimata, u lanqas ma ppercepixxa d-"dividends" spettanti lilu bhala azzjonist fl-istess kumpanija intimata;*

*7. Illi inoltre, u minkejja li l-kumpanija intimata ghandha avvjament u proprjeta`, l-esponenti ma qieghed jippercepixxi l-ebda beneficcju mill-istess kumpanija, minkejja li hu azzjonist tal-istess u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;*

*8. Illi kull tentattiv bonarju – tul dawn l-ahhar ghaxar (10) snin – da parti tal-esponenti sabiex il-partijiet jillikwidaw sehem l-esponenti mill-kumpanija intimata u jhallsuh tal-istess kien ghalxejn minhabba nuqqas ta` buona volonta` u prokrastinazzjoni esagerata da parti tal-intimati;*

*9. Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jixtieq li din l-Onorabbli Qorti tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpanija fil-futur u matul il-mori ta` dan ir-rikors sabiex l-affarijiet tal-kumpanija ma jkomplux jitmexxew b`mod oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorju kontra l-esponenti u inoltre tipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet tal-esponenti da parti tal-intimati jew min minnhom;*

***<u>Talba</u>***

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-intimati ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tal-kumpanija esponenti li qieghda hawn titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-affarijiet tal-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited tmexxew, qeghdin jitmexxew u x`aktar se jkomplu jitmexxew b`mod li, u li xi atti u/jew ommissjonijiet tal-istess kumpanija kienu, huma u x`aktarx se jkunu, oppressivi, b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, u b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal u b`mod li huwa kontra l-interessi tal-esponenti.*

*2. Taghti dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpanija fil-futur inkluz fil-mori tas-smigh ta` dan ir-rikors.*

*3. Tipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet tal-esponenti mill-membri l-ohra tal-kumpanija, hawn intimati, u jew mill-kumpanija intimata nnifisha skont ma jiddisponi l-artiklu 402(3)(d) tal-Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-esponenti tal-ishma tieghu fl-istess kumpanija intimata.*

*4. Tillikwida u konsegwentement tordna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iwettqu l-pagamenti kollha dovuti lir-rikorrenti rapprezentanti l-ammonti dovuti lilu in konnessjoni ma` xoghol li huwa ghamel ghal kumpanija intimata u kif ukoll id-"dividends" spettanti lilu bhala azzjonist fil-kumpanija intimata.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat nhar it-2 ta` Dicembru 2009 u tal-mandati ta` sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-intimati u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. L-intimati huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta pprezentata fil-5 ta` Marzu 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi hemm qbil dwar il-fatti dikjarati fl-introduzzjoni tar-rikors promotur u cioe` il-paragrafi numerati 1 sa 4 tal-istess rikors ;*

*2. Illi dwar l-allegazzjonijiet maghmula fil-paragrafi sussegwenti tar-rikors promotur u cioe` il-paragrafi 5 sa 9 tal-istess, dawn l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u huma allegazzjonijiet inveritieri kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex mhux talli l-intimati ahwa Agius ma mexxewx b`xi mod oppressiv, ingust jew ta` pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent jew ta` xi membri ohra tal-kumpanija, izda sahansitra dejjem mexxew, u ghadhom imexxu bl-akbar ghaqal u lkoll kemm huma jaghmlu hilithom kollha sabiex din il-kumpanija tibqa` tkabbar in-negozju taghha fl-ahjar interess tal-membri kollha taghha inkluz tar-rikorrenti Charles Agius stess ;*

*3. Illi bhala sfond irid jinghad li l-intimati ahwa Agius flimkien imexxu mhux biss l-amministrazzjoni tal-kumpanjia fil-vesti taghhom ta` diretturi tal-kumpanija izda wkoll jezercitaw is-snajjiet rispettivi taghhom (partikolarment fil-kamp ta` restawr u lavur fil-gebla Maltija) u jahdmu huma stess (bhala impjegati – hlief ghall-intimat Angelo Agius – tal-kumpanija intimata Agius Stone Works) fix-xoghlijiet u kuntratti li jirnexxilha tikseb l-istess kumpanija ;*

*4. Illi huwa minnu li Charles Agius kien ghamel xi zmien jiehu hsieb xi affarijiet tal-kumpanija sa Novembru tas-sena 2002 izda mhux bhala impjegat tal-kumpanija ghaliex dak iz-zmien huwa kien impjegat fis-servizz pubbliku u kien projbit milli jkollu impjieg iehor ma` terzi. Nonostante dan ir-rikorrent Charles Agius kien jithallas u dejjem thallas ghax-xoghol li ghamel mal-kumpanija intimata u mhuwiex minnu li l-kumpanija intimata jew l-intimati ghandhom x`jaghtu lir-rikorrenti ghal dan ix-xoghol ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz kull talba li tal volta jista` jkollu r-rikorrent ghal hlas ghal xoghol li allegatament ghamel u li allegatament ghadu ma thallasx ghalih hija preskritta skont il-ligi u senjatament skont id-dispozizzjonijiet kollha tal-preskrizzjoni partikolari taht il-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta) u senjatament l-Artikli 2147(c), 2147(d), 2149(c) u 2156 tal-istess Kodici Civili ;*

*6. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti fis-sens li l-intimati ahwa Agius b`xi mod eskludewh mit-tmexxija u direzzjoni tal-kumpanija "bi vjolenza" u li impedew lir-rikorrent milli jaccedi ghall-fond minn fejn il-kumpanija topera b`mod "abbuziv u illegali" hija kompletament infondata u inveritiera u fil-verita` huwa r-rikorrenti stess li ghazel li ma jkomplix izur l-ufficini tal-kumpanija intimata mis-sena 2002 `l hawn u jekk kien hemm xi vjolenza kienet biss min-naha tar-rikorrent stess, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*7. Illi fil-verita` li gara huwa li f`dan iz-zmien u cioe` ghall-habta tas-sena 2002 l-intimati ahwa Agius bdew jindunaw li r-rikorrent kien qed japproprja ruhu minn flus u assi tal-kumpanija ad insaputa taghhom, li kien qed jixtri xi effetti personali bi flus tal-kumpanija u li kien hemm xi tahwid u rregolaritajiet ohra fil-kotba tal-kumpanija li kienu f`idejh u ghalhekk hadu d-decizjoni li jibdew jinvestigaw l-agir tar-rikorrent Charles Agius u ttiehdet decizjoni li wiehed mid-diretturi l-ohra jkun kostantement infurmat minn dak li qed jaghmel Charles Agius u ghal dan Charles Agius irreagixxa b`mod negattiv sakemm iddecieda li jieqaf jersaq lejn l-ufficji tal-kumpanija ;*

*8. Illi fil-fatt irrizultaw xi irregolaritajiet ukoll fir-rigward tal-kumpanija Agius Marble Works Limited (li taghha r-rikorrent u l-intimati kollha huma wkoll azzjonisti u li topera mill-istess stabbiliment flimkien ma` Agius Stone Works Limited) u f`dan il-perjodu ttiehdet ukoll decizjoni li Charles Agius jitnehha minn direttur tal-kumpanija l-ohra Agius Marble Works Limited sabiex ma jkomplix jaghmel hsara, decizjoni li giet sanzjonata minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Charles Agius vs Nazzareno Agius et" (Rik.Nru. 1310/2002AL) fit-22 ta` Novembru 2002 ;*

*9. Illi dwar il-fatt li l-esponenti ma ppercepixxa ebda dividends mill-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited, dan il-fatt mhuwiex ikkontestat ghaliex la hu u lanqas l-intimati l-ohra ahwa Agius qatt ma ppercepixxew dividends mill-kumpanija. Kif jirrizulta mir-rapporti annwali u mill-audited accounts tal-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited (u li r-rikorrenti stess ghandu kopja taghhom) jirrizulta bl-aktar mod car li sad-data tal-lum id-diretturi u membri tal-kumpanija qatt ma ddikjaraw u lanqas approvaw il-hlas ta` dividends lill-membri taghha u dan ghaliex il-profitti li ghamlet il-kumpanija dejjem gew ri-investiti fil-kumpanija sabiex ikompli jitkabbar in-negozju u l-avvjament taghha u dan a beneficcju tal-membri kollha tal-kumpanija inkluz tar-rikorrent Charles Agius stess ;*

*10. Illi f`dan l-isfond, hija inkredibbli kemm mil-lat fattwali kif ukoll mil-lat morali d-dikjarazzjoni tar-rikorrent Charles Agius li mhuwa qed jippercepixxi ebda beneficcju mill-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited. Charles Agius, illum pensjonant, huwa l-uniku azzjonist u direttur tal-kumpanija li mhuwa qed jikkontribwixxi assolutament xejn lill-kumpanija u minkejja dan qieghed jibbenefika mill-hidma kostanti tal-intimati ahwa Agius li jiddedikaw hilithom u sahhithom kollha fl-ahjar interess tal-kumpanija u li tul is-snin kollha tal-operat taghha konsistentement investew iktar energija u flus fl-istess kumpanija ghall-beneficcju tal-azzjonisti kollha inkluz ir-rikorrent ;*

*11. Illi li jrid ir-rikorrent u li qed jipprova jwettaq permezz ta` din il-kawza u tal-mandat ta` sekwestru ta` zewg miljun Ewro (€2,000,000) li hareg kontra l-kumpanija intimata kontestwalment ma` din il-kawza, huwa li jgieghel lill-intimati jixtru s-sehem tieghu fil-kumpanija ghall-prezz li jixtieq hu u taht il-kondizzjonijiet li jrid hu u jekk ma jiksibx dak li jrid lest li jkisser lill-kumpanija intimata u lill-intimati l-ohra kollha ;*

*12. Illi huwa minnu li saru tentattivi sabiex ikun hemm ftehim dwar kif ghandu johrog mill-kumpanija r-rikorrent Charles Agius u ghal dawn l-ahhar snin saru diversi laqghat bejn il-partijiet dwar kif ghandha ssir*

*il-valutazzjoni tas-sehem tieghu u kif ghandu jsir il-hlas eventwali, pero` dan dejjem minghajr pregudizzju, u ma ntlahaqx ftehim mhux ghaliex kien hemm xi nuqqas ta` buona volonta` jew prokrastinazzjoni min-naha tal-intimati ahwa Agius (kif qed jallega r-rikorrent) izda ghaliex ir-rikorrent Charles Agius qed jippretendi li jimponi l-kondizzjonijiet ta` hlas li jrid hu fuq l-intimati kollha anke jekk dawn huma oggettivament impossibbli, inekwi jew ingusti ;*

*13. Illi dwar dan irid jinghad li ma hemm ebda obbligazzjoni kuntrattwali jew legali li l-intimati ahwa Agius jew il-kumpanija intimata Agius Stone Works Limited jixtru l-ishma ta` Charles Agius fl-istess kumpanija u sakemm ma jkunx hemm xi ordni ta` Qorti kompetenti hadd ma jista` jigi mgieghel jixtri propjeta` ta` haddiehor, iktar u iktar taht kondizzjonijiet li huwa ma jaqbilx maghhom ;*

*14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrent ghal ordni minn din l-Onorabbli Qorti ghall-bejgh tal-ishma tieghu hija wkoll intempestiva ghaliex ir-rikorrent ghadu qatt ma ghamel tentattiv formali li jbiegh l-ishma tieghu lil terzi skont il-procedura kontemplata fl-istatut tal-kumpanija ;*

*15. Illi jekk ma ntlahaqx ftehim mal-intimati ghax-xiri tal-ishma huwa kellu l-opportunita` li jaghti avviz ghall-bejgh tal-ishma a tenur tal-istatut tal-kumpanija u f`kaz li l-intimati ma jirrispondux ghall-avviz ta` bejgh joffri l-istess ishma lil terzi ;*

*16. Illi r-rikorrent kellu jezawrixxi d-drittijiet spettanti lilu skont il-ligi u skont l-istatut tal-kumpanija ghall-bejgh tal-ishma qabel ma jirrikorri ghal talba ghall-bejgh tal-istess taht l-Artiklu 402 dwar il-Kumpaniji ;*

*17. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, bir-rispett din l-Onorabbli Qorti tista` tordna x-xiri tal-ishma tar-rikorrent Charles Agius biss f`kaz li dan jirnexxielu jipprova li l-kumpanija tmexxiet jew qed titmexxa (i) b`mod mhux gust diskriminatorju <u>kontra r-rikorrent</u>; jew (ii) b`mod mhux gust ta` pregudizzju <u>ghar-rikorrent</u>; jew (iii) b`mod li jkun kontra l-interessi <u>tal-membri in generali</u> (u f`dan il-kaz mhux biss tar-rikorrent kif qed jallega fir-rikors promotur) ;*

*18. Illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ebda wahda minn dawn it-tliet cirkostanzi ma jirrizultaw mill-imgieba tal-intimati jew*

*min minnhom u ghaldaqstant l-allegazzjonijiet, pretensjonijiet u talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*B`rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimati ghad-danni li qed jigu kkagunati mir-rikorrent Charles Agius b`din il-kawza u l-mandat ta` sekwestru kontestwali pprezentat minnu.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors ta` din il-kawza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2014 fejn laqghet it-talba tal-partijiet sabiex kull prova li tkun saret fil-kawza bejn l-istess partijiet Rik. Nru. 1310/02 pendenti wkoll quddiem din il-Qorti kif presjeduta tkun tikkostitwixxi prova ghall-fini tal-kawza tal-lum. Dan id-digriet kien ikkonfermat fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015.

Rat il-provi li tressqu fil-kawza bejn l-istess partijiet Rik. Nru. 1310/02.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-16 ta` Mejju 2017 fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

## II. Sintesi tal-provi

### 1. Xiehda

**Ir-rikorrent** xehed illi l-intimati huma hutu.

Fisser li fil-bidu, fis-snin sebghin, huma kienu bdew jahdmu flimkien fix-xoghol tal-gebel. Wara xi zmien iffurmaw u rregistraw il-kumpannija Agius Stone Works Ltd. In-negozju principali kien xoghol relatat mas-sengha tal-gebel. Is-sitt ahwa kellhom ishma ndaqs fis-socjeta`. Bdiet topera minn sit li hadet b`kera minghand id-Dipartiment tal-Artijiet. Kienet involuta wkoll il-Malta Development Corporation. Il-kirja kienet ghal 17-il sena.

Qal illi l-intimati kienu jiehdu hsieb li x-xoghol jitwettaq fuq l-lantijiet filwaqt illi hu kien jiehu hsieb it-tenders, il-kejl ta` x-xoghol u l-hrug ta` l-kontijiet lill-klijenti. Dak z-zmien huma kienu jokkupaw parti minn fabbrika ohra li kienet maghrufa bhala Mqabba Marbles. Biz-zmien ix-xoghol kien kiber hafna. Mqabba Marbles ma kenitx f` qaghda finanzjarja tajba.

Kompla jghid illi in segwitu kienet kostitwita u registrata socjeta` ohra sabiex tixtri l-assi ta` Mqabba Marbles Limited. Is-socjeta` gdida inghatat l-isem ta` Agius Marble Works Limited u kienet iffurmata mill-ahwa Agius u minn Mario Schembri li jigi hu r-ragel ta` ohthom. Fis-socjeta` kulhadd kien direttur u hu wkoll is-segretarju. Din il-kumpannija akkwistat l-art, il-bini u l-istruturi li kellha Mqabba Marbles Limited ghall-prezz ta` madwar Lm 120,000. In-negozju tal-kumpannija kien ix-xoghol tal-irham u tal-gebel naturali. Mario Schembri kien jiehu hsieb l-impjegati u l-finanzi. Huwa kien jiehu hsieb l-parti teknika tal-amministrazzjoni bhall-preparazzjoni ta` stimi, kejl tax-xoghol u tender documents. Huwa ma kellux x`jaqsam ma` flus ghaliex il-hlas tal-haddiema, il-hlas ta` l-materjal, it-trasferimenti ta` l-flus u d-depoziti ta` l-bank kienu jsiru minn Mario Schembri.

Qal illi matul iz-zmien ma kienux isiru laqghat ufficjali tal-bord tad-diretturi jew laqghat general ital-kumpannija ghaliex kulhadd kien jafda lil xulxin u x-xoghol kien jitqassam bejn kulhadd. Kienu jiltaqghu b`mod informali ta` kuljum. Eskluzi hu u Mario Schembri, il-membri l-ohra ftit kienu jippartecipaw fil-amministrazzjoni tal-ufficcju. Bhala remunerazzjoni Mario Schembri u hutu Reno, Joseph u Rosario kellhom salarju fiss, filwaqt illi hu u hutu Lawrence u Angelo kienu jiehdu skont kif kien jaghtihom Mario Schembri. Huwa qatt ma ndaga ma` Schembri dwar l-istat finanzjarju tas-socjeta` ghaliex kien cert li bil-mod kif kien ghaddej ix-xoghol, kienu qed isiru profitti tajba.

Stqarr illi Agius Marble Works Limited akkwistat bosta proprjetajiet, fosthom plots fix-Xemxija, Wied il-Ghajn u l-Qrendi kif ukoll blokk appartamenti l-Qawra. Huwa kien ghamel ukoll tparit ta` proprjeta` u ghalhekk s-socjeta` kellha hafna mmobbli.

Kompla stqarr illi darba minnhom Schembri qabad zewg boxfiles u huma t-tnejn marru hdejn huh Joseph. Schembri saqsa lil Joseph kienx jaf il-kontenut tal-boxfiles. Fil-fatt Schembri spjega li dawn kien fihom stimi ta` xoghol u invoices li kienu saru mir-rikorrent. Staqsa – *"Kif tista tghid li ma qed jaghmel xejn, dejjem jiskarta ?"* Minn dan ikkonkluda li kien ghaddej diskors minn wara dahru.

Xehed illi ghal habta ta` Frar 2000, huh Nazzareno qallu li kien se jibda jidhol l-ufficcju jahdem biex jaghmel x-xoghol li kien jaghmel hu. Ghalhekk Nazzareno beda jahdem fl-ufficcju u meta kienu jcemplu klijenti kien jghidilhom li minn dak l-mument kellhom jitkellmu mieghu ghaliex ir-rikorrent ma kienx jahdem hemm iktar.

Spjega illi r-relazzjoni ta` bejniethom bdiet tmur ghall-aghar. Ghalkemm hu xorta kien imur il-fabbrika, ma kienux jinghata hlas tax-xoghol li kien jaghmel.

Ighid illi ra lil Schembri jimla tender document. Dak kien xoghol li solitament kien kompitu tieghu. Fejn qabel l-azzjonisti u diretturi l-ohra ma kienux jersqu lejn l-ufficcju, dawn bdew imorru kuljum. Hutu bdew jitkellmu mieghu bil-goff, ighajjruh, u jhedduh. Kienu jistqarru mieghu illi huwa ma kellux xejn u li seta` jitlaq `il barra meta jrid ghaliex ma kellhomx bzonnu. Inqala` wkoll incident kienu kissru l-bieba tal-karozza tieghu tant li kellu rapport fl-Ghassa taz-Zurrieq.

Spicca twarrab ghal kollox u kellu jitlaq mill-fabbrika.

Stqarr illi bl-agir tal-ohrajn fil-konfront tieghu, huwa rrealizza illi ma setax jahdem aktar ma` hutu. Kien ikun kuntent li kieku tawh sehmu mill-investimenti kollha li kienu ghamlu flimkien fil-kumpannija Agius Marble Works Limited. Kien ghalhekk illi qal lil hutu li xtaq jittrasferixxi l-ishma tieghu. Ghamel dan b`ittra bonarja kif previst mill-Art 9 tal-Articles of Association. Hutu wegbuh li kienu lesti li jakkwistaw l-ishma tieghu. Pero` l-akkwist baqa` ma sarx.

Kompla jghid illi fil-5 ta` Novembru 2002, intbaghtet Notice of Extraordinary General Meeting. Fl-agenda tal-laqgha kien hemm : i) it-tnehhija tieghu minn direttur u segretarju tal-kumpannija Agius Marble Works Limited : ii) it-trasferiment tal-ishma tieghu ; u iii) it-tnehhija ta` George Farrugia & Co minn awdituri tal-kumpannija.

Xehed illi huwa tnehha minn direttur ghalkemm baqa` membru tas-socjeta` bla ma jiehu rimunerazzjoni.

Qal illi huwa l-akbar wiehed fl-eta` fost l-ahwa kollha.

Fisser illi huwa dam ghaxar snin jahsibha qabel ma ddecieda li jiehu azzjoni kontra hutu.

Qal illi minkejja x-xoghol kollu ta` amministrazzjoni li kien jaghmel, huwa kien jitqies bhallieku ma jaghmel xejn. Beda jithallas onorarju lejn l-ahhar tas-snin disghin. Qatt ma fittex sabiex jithallas bi dritt kull xahar.

Apparti l-incident taz-zewg boxfiles li xehed dwaru, sar jaf ukoll li kien qed jigi akkuzat b`serq. Minkejja dak li kien qed jigi allegat dwaru, baqa` jahdem.

Dwar l-incident meta hutu dahlu fl-ufficcju tieghu u bdew jaghmlu huma x-xoghol li kien jaghmel hu, stqarr illi huwa kellu cavetta wahda tal-ufficcju. Meta hadu l-amministrazzjoni l-intimati f`idejhom, huma bidlu s-serratura.

Stqarr illi l-aktar wiehed li kien jidhol fl-ufficcju kien huh Nazzareno. Minflok kien imur biex ighinu fix-xoghol, kien imur biex ikissru. Meta mbaghad kienu jcemplu l-klijenti, kien jirrispondi Nazzareno u jghidilhom li kellhom ikellmu lilu biss. Dan gara fis-sajf tas-sena 2000. Minbarra dan dahlet tahdem maghhom bhala skrivana wara mill-ulied ta` hutu. Meta kienu jcemplu l-klijenti kienet tirrispondi hi u ma tghidlux li kienu cemplu l-klijenti. Ghalhekk minn posizzjoni fejn kien imexxi kollox hu, twarrab ghal kollox.

Kompla jghid illi huwa xorta baqa` jmur jahdem hemm u jipprova jimla l-vojt li seta` kien hemm. Pero` x-xoghol gdid bdew jaghmlux l-intimati. Minbarra dan, Mario Schembri li kien jiehu hsieb l-finanzi kien ordnat biex ma jhallsux iktar.

Ighid li safa` vittma ta` minacci fis-sens illi kienu jghidulu biex jaqbad l-familja tieghu u jitlaq lejn l-Awstralja.

Stqarr illi l-episodju li bidel kollox kien meta waqt li kien qed jaqdi klijent tajjeb hafna tal-kumpannija, propju ghaliex kien qed jaqdieh hu, bdew jissuspettaw illi hu kien qed jagevola lil dak il-klijent. Hemm inqla` argument. Hu mar lejn l-karozza u Nazzareno u Lawrence grew ghal warajh sakemm qabdu l-bieba tal-karozza tieghu u ghawguhielu. Dik kienet l-ahhar darba li mar il-fabbrika.

Dwar dak li kien jithallas, ir-rikorrent ipprezenta Dok. AD1, li huwa miktub minn Mario Schembri, u juri l-onorarja li kien jithallas kull xahar ; fejn hemm Lm 5,000 dak huwa bonus li thallas. Il-hlas kien isir b`mod regolari.

Ipprezenta Dok. AD 2, li juri kemm il salarju ma kienx thallas wara li telaq. Ippreciza illi ghalkemm telaq mill-fabbrika, baqa` azzjonista u direttur tal-kumpannija. Qal ukoll illi ghalkemm kien jircievi l-avvizi tal-laqghat, ma kienx jattendi ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi.

Ipprezenta Dok. AD 3, li juri erba` proprjetajiet li jiffurmaw parti mill-assi tal-kumpannija. Qabel telaq hu, il-kumpannija kellha madwar 25 impjegat.

Ipprezenta Dok. AD 4 li juri lista ta` l-progetti li hu kien responsabbli ghalihom sakemm telaq.

Ipprezenta Dok. AD 5 li huma l-progetti ta` l-kumpannija wara li telaq hu. Minn dan l-ahhar dokument, jidher li x-xoghol tal-kumpannija kiber. Minkejja dan fl-ahhar ghaxar snin baqa` ma rcieva l-ebda dividend u ghalhekk ma jafx fejn mar id-dhul.

Mistoqsi mill-Qorti jekk d-diretturi l-ohra tawhx sodisfazzjoni fejn kienu qed imorru l-flus huwa wiegeb illi kien jircievi l-*financial statements* kull sena. L-awditur tal-kumpannija huwa Sandro Grech.

Xehed illi l-kumpannija qatt ma kellha dejn jew self bankarju ghaliex kienu jahdmu bil-flus li kienu jidhlu fil-kumpannija. Jiftakar li qabel ma telaq mill-kumpannija, Nazzareno Agius kien ha Lm 50,000 fuq ismu u kien poggihom l-bank go kont bearer. Dan sar sabiex il-flus ma jidhrux u bil-kuntentizza ta` kulhadd.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, ikkonferma li huwa kien ghadu direttur u azzjonista ta` Agius Stone Works Limited u azzjonista ta` Agius Marble Works Limited. Telaq mill-fabbrika f`Awissu 2001 u wara dakinhar ma regax mar lura l-fabbrika hlief ghall-access li sar mill-perit tal-qorti.

Stqarr illi ghalkemm huwa kien qal lil hutu illi setghu jidhlu fl-ufficcju tieghu meta riedu sabiex jaraw l-affarijiet, fil-fatt huma qatt ma kellhom interess jaghmlu dan, sakemm ghamlu kongura kontra tieghu, dahlu kollha fl-ufficcju, qalulu sabiex jitlaq `il barra mill-ufficcju u biex imur jahdem fil-fabbrika.

Sahaq illi n-negozju tal-familja Agius sar bil-hidma tieghu u kull wiehed minn hutu kien fejn wasal bis-sahha tieghu. Qal illi ma jafx ghala daru kollha kontra tieghu. Kull allegazzjoni li ghamlu fil-konfront tieghu sar jaf biha minn terzi. Dawn il-persuni kienu domandati minn Nazzareno dwar jekk hu (ir-rikorent) kienx jiehu kummissjoni minghandhom. Kien allegat illi rcieva hlas bi tpartit. Cahad li qatt ghamel xi haga ta` din ix-xorta.

Fisser illi xi drabi kien jigbor pagamenti ta` flus. Il-persuna li kienet inkarigata biex taghmel dan kien Mario Schembri.

Dwar il-bearer account, xehed illi ma jafx fejn marru l-flus li kien hemm fil-kont.

Spjega illi kellhom problema ghaliex kellhom hafna flus kontanti u riedu jaraw x`jaghmlu bihom. Ghalhekk huwa Lm 50,000 minn dawn il-flus u akkwist art fl-isem tal-kumpannija. Huwa ma kienx firmatarju tal-kumpannija. Il-firmatarji kienu Nazzareno u Joe.

Ir-rikorrent wiegeb ghal domandi li saru bhala **<u>ri-ezami</u>.**

Xehed illi li l-kaz tax-xogholijiet fil-Kon-Katidral ta` San Gwann, Valletta,k ien kaz uniku ghaliex kieku ried seta` jiftah negozju b` kompetizzjoni diretta ma` hutu imma ma riedx jaghmel dan.

Stqarr illi snin wara sar jaf illi kienet kostitwita kumpannija minn tnejn mill-ahwa li kienu wkoll diretturi li bdiet timporta u tbiegh *scaffolding* u dan meta Agius Stone Works Limited kien diga` kellha *scaffolding*. Is-socjeta` kienet A+ Building Products Limited li giet registrata fit-23 ta` Novembru 2005. Id-diretturi kienu Nazzareno u Rosario. L-attivita` taghhom kienet malizzjuza ghaliex kienu jaghmlu uzu mill-makkinarju tal-kumpannija ghal skopjiet taghhom u a spejjez tal-istess kumpannija. Imbaghad idahhlu l-flus fi bwiethom. In segwitu kienet kostitwita socjeta` ohra bl-istess isem bl-ufficcju registrat ikun “Agius Marble Works”. Fis-

socjeta` dahal kulhadd u hu thalla barra. Kienet mossa ta` Rosario u Nazzareno sabiex jaghlqu halq huthom l-ohra.

Qal illi mix-xoghol li ghamel kien ghad kellu jiehu Lm 16,200 ekwivalenti ghal € 37,735.85.

Qal illi hutu kienu qeghdin jiehdu madwar sittin/sebghin elf euro fis-sena u dan b`malizzja sabiex il-kumpannija tidher li qeghda taghmel it-telf.

**Fil-kontro-ezami**, xehed illi l-kumpannija A+ kienet inkluza fil-valutazzjoni li saret mill-perit komputista.

Cahad illi meta kien ghadu jahdem fil-kumpannija kienu jikru l-iscaffolding ; ma kienx il-kaz ghaliex kellhom taghhom. Illum kif jirrizulta mill-accounts, A+ kienet tikri scaffolding lill-kumpanniji taghhom.

**L-awditur George Farrugia** xehed illi sar jaf lill-ahwa Agius fosthom ir-rikorrent fl-1991 meta kienu ffurmati l-kumpanniji. Huwa kien involut ukoll fil-akkwist tal-fabbrika minghand il-Gvern. L-ahhar sena li lesta l-*audited accounts* tas-socjeta` kien fl-2001 ghaliex wara kien ircieva avviz li ma kienx baqa` l-awditur.

Xehed illi sakemm huwa kien involut fl-*audits* il-kumpannija kienet sejra tajjeb u kienet taghmel profitt kull sena. Minn dak li ftakar, in-naha finanzjarja kienet amministrata minn Mario Schembri . Ir-rikorrent ma kienx firmatarju tal-kontijiet bankarji. Minn mill-ahwa kien jahdem fil-fabbrika kien jiehu salarju. Ir-rikorrent ma kienx jiehu salarju ghaliex ma kienx jahdem hemm *full-time*. Bhala hlas mill-klijenti, dan fil-bicca l-kbira tieghu kien isir permezz ta` *cheques*, imma kien hemm okkazjonijiet fejn sar tpartit ma` xoghol jew propjeta`.

Stqarr illi d-ditta tieghu ta` awdituri ghamlet l-audit ta` Agius Stone Works Limited u ta` Agius Marble Works Limited mill-194 sal-2001. Min-naha ta` amministrazzjoni, huwa kien ikollu x`jaqsam mar-rikorrent l-aktar peress illi l-intimati kienu l-aktar involuti fil-lantijiet tax-xoghol. Ir-rikorrent kien jiehu hsieb il-marketing ukoll. Fis-sena 2000/2001 jaf li nqala` ntopp bejn l-ahwa probabilment ghaliex l-intimati kienu iqisu li r-rikorrent kien qed iqabbad hu l-awditur u ghalhekk riedu bidla. Fil-fatt hekk sar u inhatar Sandro Grech minflok id-ditta tieghu.

Kompla jixhed illi milli ftakar l-intimati kienu qed jakkuzaw lir-rikorrent li kien qed jisraq mill-kumpannija. Mistoqsi jekk bhala awditur setax jinduna b`dan, huwa wiegeb illi mill-esperjenza, meta hemm xi hadd jittenta jaghmel jew ikun ghamel frodi jkun hemm ic-cans li tara record fl-accounts li suppost dahal u li ma jkunx hemm record. Fil-kaz in kwistjoni, huma qatt ma kienu mitluba jaghmlu investigazzjoni sabiex jistharrgu l-possibilita` ta` frodi.

Qal illi fl-ahhar *audit* taghhom huma ghamlu tlett limitazzjonijiet – i) li ma setghux jikkonfermaw l-valur tax-xoghol li kien qed isir ; ii) li meta sar l-istocktake ma kienux prezenti u ghalhekk ma setghux jikkonfermaw de proprio l-kontenut ; u iii) li fejn hemm miktub dejn tal-kumpannija ta` Lm 22,000 minn *related party*, dan id-dejn ma setax ikun ikkonfermat. B`*related party* ried ifisser xi azzjonist jew direttur jew in-nisa jew l-irgiel taghhom.

**Fil-kontroezami**, xehed illi fil-bidu kien imur l-fabbrika madwar darba fix-xahar. Mistoqsi jekk kienux ikellmu lir-rikorrent biss, wiegeb li ma jeskludix li kienu jitkellmu mieghu l-intimati wkoll, in partikolari Nazzareno Agius. Fl-istess waqt sostna li dwar amministrazzjoni dejjem kien ikellem lir-rikorrent, u anke l-intimati kienu jghidulu biex jaghmel hekk. Meta mbaghad kienu jmorru l-fabbrika sabiex jaraw d-dokumenti, kien hemm impjegat, Mario Schembri, li kien jurihom l-invoices u l-hlasijiet.

Qal illi kemm dan hu awditur, qatt ma tqassam dividend.

**Audrey Ghigo** minn HSBC Bank Malta plc pprezentat bank statements :- Dok HSBC1 - kont numru 078048253001 ; Dok HSBC2 - kont numru 078048253050 ; Dok HSBC3 - kont numru 078048253051 ; u Dok HSBC4 - kont savings numru 078048253052.

**Leah Caffari** mill-Malta Financial Services Authority xehdet li r-rikorrent huwa azzjonist, direttur u segretarju tal-kumpannija in kwistjoni. Ilu direttur u azzjonist minn meta bdiet il-kumpannija fil-25 ta` Novembru 1987 u segretarju mill-1997. Ipprezentat id-dokumentazzjoni relattiva – Dok MFSA1.

**Mario Schembri** xehed illi huwa kien jahdem fl-ufficcju tas-socjeta` ntimata bhala amministratur. Kien ilu mpjegat ghal aktar minn ghoxrin sena. Huwa mizzewweg lil Maria Lourdes li tigi oht ir-rikorrent u l-intimati l-ohra. Jiehu hsieb il-pagi u l-amministrazzjoni.

Kompla jixhed illi r-rikorrent kien fil-fabbrika mill-bidu u baqa` hemm sal-2000. Meta kien hemm r-rikorrent huwa xorta kien jiehu hsieb l-pagi, l-amministrazzjoni tal-haddiema u jaghmel il-manutenzjoni tal-makkinarju. Ir-rikorrent kien jiehu hsieb in-negozju. L-intimati l-ohra kienu jiehdu hsieb ix-xoghol fuq id-diversi lantijiet. Meta kien hemm ir-rikorrent, kien jircievi flus minghand il-klijenti u kien anke ihallas lill-kredituri. Izda dan ix-xoghol kien jaghmlu hu wkoll. Minn dak li jiftakar, l-intimati bdew jghidu li r-rikorrent ma kienx qed jaghmel xoghol bizzejjed. Ir-rikorrent kien jichad li kien qed jigri hekk. Ir-rikorrent kien jaghmel xogholu u kien jaghmlu tajjeb.

Kompla stqarr illi meta kien ghad hemm r-rikorrent, l-awditur kien George Farrugia, li pero` nbidel u kien sostwit minn Sandro Grech. Il-bidla fl-awditur saret madwar sentejn wara li kien telaq r-rikorrent. Ma kienx hemm raguni partikolari ghaliex kien deciz il-bdil tal-awditur.

Fisser illi wara li telaq ir-rikorrent, ftit mill-progetti l-kbar li l-kumpannija kienet involuta fihom kienu r-restawr tal-Valletta Waterfront, ir-restawr ta` Bieb il-Bombi, parti mix-xoghol tal-lukanda Golden Sands u anke restawr fi knejjes bhal ta` San Filep, Haz-Zebbug. Qabel ma dahal hu, ir-rikorrent kien akkwista l-beni tal-kumpannija. Ir-responsabilita` tar-rikorrent kienet li jgib ix-xoghol u hutu jahdmu x-xoghol.

Spjega illi wara li r-rikorrent ma baqax hemm, ix-xoghol li kellu beda jsir minn Nazzareno Agius. Ghall-bidu l-kumpannija hasset l-assenza tar-rikorrent izda mbaghad kien impjegat konsulent u x-xoghol beda miexi.

Stqarr illi huwa ma baqax jahdem mal-kumpannija ghaliex kellu inkwiet mal-intimati, izda mbaghad rega` beda jahdem maghhom.

Xehed illi d-depoziti fil-bank kien jaghmilhom hu anke fi zmien meta kien hemm ir-rikorrent.

Spjega illi hu ghamel xi tlett snin ma jmurx il-fabbrika ghaliex kellu inkwiet personali mal-ufficjali tal-kumpannija, izda xorta wahda baqa` jircievi l-paga.

Muri Dok AD1 ikkonferma li d-dokument kien juri l-paga li jghaddi lir-rikorrent. Sakemm ir-rikorrent baqa` jmur il-fabbrika, huwa baqa` jiehu l-

paga. Il-paga waqfet meta waqaf imur. Sal-ahhar gurnata li mar ghax-xoghol kien thallas il-paga kollha.

**L-intimat Angelo Agius** xehed illi hu ma ghandu l-ebda kariga fil-kumpannija. Lilu hutu qatt ma stmawh. Huwa dejjem kien impjegat tal-Gvern. Kien jaghmel ix-xoghol li jqabbduh hutu l-intimati. Pero` dwar dak li jigri fl-ufficcju, ma kien jaf b`xejn. Qal li ma kienux isiru laqghat. Kemm kienet ilha kostitwita l-kumpannija ghamlu madwar ghoxrin laqgha l-aktar. Fil-ufficcju ikun hemm Mario Schembri, Rosario Agius u Nazzareno Agius. Il-fabbrika saret bis-sahha tieghu fl-arti ghaliex hu artist u li l-livell ta` kwalita` li kienet tilhaq il-kumpannija kien kollu dovut ghax-xoghol u s-sengha tieghu.

Dwar il-mod kif telaq ir-rikorrent, stqarr illi dan qabad u telaq ghalkemm huma riedu jkeccuh. Huma riedu li l-affarijiet ikunu aktar trasparenti u li kulhadd ikun jaf x`qed jigri. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx mar l-ufficcju jistaqsi x`qed jigri, ikkonferma illi mar izda dejjem inghata risposta li ma kellux dritt jistaqsi.

Qal illi kien hemm zmien twil fejn ma hadu l-ebda paga ghax-xoghol li kienu jaghmlu. Imbaghad l-aktar li hadu kienet l-paga minima.

**L-intimat Nazzareno Agius** xehed illi huwa direttur u azzjonista ta` Agius Stone Works Limited u Agius Marble Works Limited.

Xehed illi qabel l-1987, hu u hutu kienu jahdmu separatament ghalkemm gieli kienu jidhlu ghal xoghol flimkien u kienu maghrufa bhal Agius Brothers. Kienu joperaw minn garage l-Qrendi li huwa proprjeta` personali tieghu u ma kienux jithallsu pagi izda kull wiehed kien jithallas ghax-xoghol li kien jaghmel.

Kompla jghid illi kif beda jghaddi z-zmien beda jizdied ix-xoghol. Riedu jkabbru mnejn joperaw u kellmu lill-Malta Development Corporation sabiex jinghataw post akbar milli kellhom. Kien propost lilhom l-okkupazzjoni ta` parti mis-sit fejn kienet qeghda topera l-Mqabba Marbles. Huma accettaw u kien iffirmat kuntratt ghal dan il-fond u garage zghir. Fl-istess waqt inkisbet *trading licence*.

Kompla jghid illi fuq is-sit allokat lilhom inbena garage iehor. Matul dan iz-zmien huma ma kienux jiehdu paga. Fil-kaz tieghu, ghad-differenza

ta` hutu ohra, ma kellux impjieg iehor. Pero` xorta wahda hadem bla paga. Madwar dan z-zmien, wara li beda x-xoghol ta` rikostruzzjoni tal-Mediterranean Conference Centre (MCC) wara li dan kien garab hrug estensiv, huma hadu ftit mix-xoghol ta` restawr u tiswija. Minn dan il-ftit xoghol, bdew izidu x-xoghol u ghalhekk bdew jimpjegaw persuni bhala haddiema barra mill-familja. Minhabba li huma jaghtu *performance guarantee*, hu ghamel garanzija personali fuq il-proprjeta` tieghu stess.

Stqarr illi minbarra l-fatt li kien involut direttament fix-xogholijiet, kien jiehu hsieb ukoll il-pagi, l-pagamenti u amministrazzjoni ta` flus u ta` dokumenti. L-ahwa kollha kienu nvoluti fil-progett hlief ghar-rikorrent. Hutu Angelo u Lawrence kienu jahdmu wara l-hin tax-xoghol taghhom. Ir-rikorrent kien impjegat *full time* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-settur pubblikut u ghalhekk ma setax jiddedika l-istess ammont ta` hin li kienu jiddedikaw huma.

Kompla stqarr illi l-progett tal-MCC wassal ghal valur ta` xoghol ta` madwar Lm 140,000.

Fisser illi dak iz-zmien ir-rikorrent ippropona li ssir kumpannija. Huma accettaw. L-ewwel ma saret kienet Agius Stone Works Limited fl-1987 fejn l-ahwa kollha kienu azzjonisti. Ir-rikorrent wera l-interess li jiehu hsieb x-xoghol ammiistrattiv. Fil-fatt hekk sar u beda jigi afdat minn bl-amministrazzjoni. Billi r-rikorrent baqa` mpjegat tal-Gvern, kien imur kmieni filghodu u mbaghad wara l-4.00 pm kienu jiltaqghu biex jiehdu hsieb flimkien il-mili tat-tenders. Il-flus li kienu generati fil-passat marru kollha fil-kumpannija. Fl-1991 kienu akkwistat plots fix-Xemxija fuq suggeriment ta` r-rikorrent. Fl-1993 akkwistaw blokk appartamenti l-Qawra. Dawn l-immobbli kienu tal-kumpannija. Bdew jahsbu biex ikabbru u ghalhekk hallew f`idejn ir-rikorrent. Bl-ghajnuna tieghu hadu minghand l-MDC il-bqija tal-post fejn kien hemm l-Imqabba Marbles fejn ghadhom joperaw sal-lum.

Kompla fisser illi l-involviment ta` Mario Schembri beda ghal habta tal-1991 meta saret il-kumpannija l-ohra Agius Marble Works Limited. L-iskop ta` din kellu jkun il-fornitura u x-xoghol tal-irham, inkluz dak li kellha d-ditta Mqabba Marbles. Mario Schembri beda jghin lir-rikorrent fix-xoghol amministrattiv, u dahal ukoll bhala azzjonist u direttur ta` Agius Marble Works Limited. Il-kotba tal-kumpanniji dak iz-zmien kienu jinzammu mir-rikorrent u Mario Schembri. Ir-rikorrent kien jiehu hsieb ix-xiri u l-bejgh tal-irham, l-invoicing u l-book-keeping. Mario Schembri kien jiehu hsieb il-pagi u l-kontijiet tal-bank tal-kumpanniji flimkien ma` xoghol iehor amministrattiv.

Xehed illi ghalkemm ir-rikorrent xehed illi ma kellux x`jaqsam ma` flus, mhux hekk kien il-kaz ghaliex ir-rikorrent kien jittratta direttament mal-klijenti kemm biex jinnegozja l-kuntratti ta` appalt, kif ukoll biex jigbor d-depoziti jew hlasijiet.

Kompla jixhed illi huma kienu jithallsu tax-xoghol li kienu jaghmlu. Ir-rikorrent u hutu Joseph u Rosario kienu impjegati tal-kumpannija mill-bidu nett. Mario Schembri beda jithallas bhala *full-time* minn Agius Marble Works Limited. Sal-2004, Lawrence kien jithallas skont il-hinijiet illi kien jahdem ; wara qaleb bhala impjegat *full-time*. Sakemm dam jahdem hemm, ir-rikorrent kien jithallas ghall-hin li kien jaghmel ghalkemm ma kienx registrat bhala impjegat tal-kumpannija. Hu ma kienx impjegat *full-time* izda xorta kien jithallas bhall-ahwa l-ohra u cioe` madwar Lm 600 fix-xahar. Minn dak li jaf, ir-rikorrent baqa` jithallas ta` kull ma ghamel sakemm telaq.

Dwar ir-raguni ghaliex ir-rikorrent telaq, stqarr illi gara ma kienx incident wiehed izda gemgha ta` fatti u cirkostanzi.

Qal illi fl-1991 kienu xtraw proprjeta` bil-flus personali ta` kulhadd. Wara saru jafu li r-rikorrent kien ghamel il-kuntratt f`ismu u f`isem martu. B`hekk cahhad lil kulhadd minn sehemhom f`dik il-proprjeta`. Dwar dan, kien hemm kawza l-Qorti, fejn kien deciz illi r-rikorrent kellu jrodd is-sehem ta` kull wiehed mill-ahwa.

Kompla jghid illi fl-1992, ir-rikorrent xtara pittura li swiet madwar Lm 8,000 u hallas b`cheque ta` Agius Stone Works Limited, meta l-pittura akkwistaha ghalih personali.  Huwa baqa` ma radd ebda flus lill-kumpannija.

Qal illi meta kienet giet registrata l-kumpannija, ir-rikorrent iddikjara li huwa kien iddepozita s-somma ta` Lm 5,000, izda fil-fatt c-cheque kien jammonta ghal Lm 4,000.

Stqarr illi bdew anke jisimghu minn diversi klijenti li r-rikorrent kien jigbor pagamenti jew hwejjeg ohra akkont ta` pagamenti li kienu dovuti lill-kumpannija, izda hu qatt ma tahom sodisfazzjon ta` jekk il-hlasijiet li rcieva kienux tqeghdu fil-kontijiet tal-kumpannija jew le.

Fisser illi minhaba dan kollu, fil-bidu tal-1991, huwa talab lir-rikorrent sabiex jaghti rendikont ta` kollox u biex jaghtih access ghall-kotba tal-kumpannija. Ir-rikorrent hadha bi kbira hafna u ma riedx lil hutu jindahlu. Meta huma kienu jinsistu mieghu, ir-rikorrent beda jghid li ma riedx ikompli jahdem. Minn hemm kien ir-rikorrent li beda jnaqqas mill-attendenza tieghu fuq ix-xoghol.

Huwa cahad li huma heddew lir-rikorrent. Dan ma riedux jitlaq u qatt ma keccieh. Kien ir-rikorrent minn jeddu illi ddecieda li jitlaq mhux tkecca.

Cahad bhala nfondata l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar l-incident bil-karozza. Huwa stess kien ghamel rapport lill-pulizija. Kien Mejju 2001. Kien inqala` diskors bejniethom fis-sens illi r-rikorrent qallu li jekk irid seta` jiehu hsieb ix-xoghol gdid filwaqt li r-rikorrent ikompli jiehu hsieb dak li diga` kien hemm. Ighid illi huwa ma accettax il-proposta tar-rikorrent ghaliex ried jara dak li kien qed jigri u anke dak li kien gara fil-passat. Dan d-diskors kien qed isir hdejn l-karozza li kellha l-bieba miftuha. Hin minnhom ir-rikorrent qabad u rriversja bil-bieba ghadha mitfuha, u qabad lilu bil-konsegwenza li l-bieba tghawwget. Wara dak l-incident, ir-rikorrent ma marx lura x-xoghol.

Xehed illi hu baqa` jinvolvi ruhu fil-amministrazzjoni flimkien ma` Mario Schembri u maz-zmien bdew isibu numru ta` hwejjeg dubjuzi li kienu sehhew fil-passat. Kien minhabba dawn ic-cirkostanzi li fl-2002 hadu decizjoni li jnehhu lir-rikorrent minn direttur ta` Agius Marble Works Limited unikament sabiex iharsu l-interessi tal-kumpannija. Irrefera ghall-ittri – Dok AMW2 sa Dok AMW6.

Kompla jixhed illi l-ewwel procedura li pprezenta r-rikorrent kienet fl-2002 meta pprova jwaqqaf il-laqgha li permezz taghha tnehha r-rikorrent minn direttur. Il-qorti cahdet it-talba tieghu. Ir-rikorrent fil-fatt tnehha minn direttur fit-22 ta` Novembru 2002 ghar-ragunijiet li huma mfissra fil-minuti. L-unika komunikazzjoni mar-rikorrenti kompliet tramite l-avukati. Billi r-rikorrent ma baqax imur ghax-xoghol, huma waqfu jhallsuh. Ir-rikorrent thallas kull ma kellu jiehu. Ir-rikorrent baqa` azzjonista taz-zewg kumpanniji.

Stqarr illi hu u hutu baqghu jiehdu l-paga u l-bonus.

Qal illi qatt ma kienu dikjarati dividends u l-profitti baqghu fil-kumpanniji ghall-beneficcju tal-azzjonisti kollha, inkluz ir-rikorrent. La r-

rikorrent u lanqas huma ma hadu dividends. Lanqas qasmu l-profitti. Dan kollu jirrizulta mill-accounts.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi fil-bidu qabel ma kienu ffurmati l-kumpanniji, kienu jaghmlu xoghol ta` balavostri, hnejja jew kolonni kollox tal-gebel. Huwa kien il-pijunier tax-xoghol kollu u kien jaghmel kollox hu inkluz t-trattativi.

Qal illi mix-xoghol fil-Mediterranean Conference Centre dahlu Lm 140,000 li kienu gew depozitati fil-kont personali tieghu. Meta kienet kostitwita l-kumpannija, dawk il-Lm 140,000 kienu depozitati fiha u ma baqghux fil-kont personali tieghu.

Stqarr illi meta kienet iffurmata l-kumpannija, kull wiehed minnhom kellu mitt sehem inkluz ir-rikorrent anke jekk dan ma kienx jahdem fil-gebel bhall-ohrajn ghaliex kien impjegat tal-Gvern.

Qal illi llum kellhom madwar hamsin impjegat.

Fisser illi mill-qliegh li ghamlu bejn l-1987 u 1993, xtraw makkinarju, baqghu jinvestu fil-kumpannija u kienu jhallsu l-pagi.

Qal illi t--*tender documents* dejjem kienu jimlewhom hu u r-rikorrent flimkien.

Qal illi l-progett tal-Bieb tal-Bombi kien xoghol ta` Agius Stone Works Limited u sar fl-1991. L-esekuzzjoni kienet fdata f` idejn hutu Anglu u Joe.

Cahad li bejniethom qasmu profitti jew dividends. Huma kienu jiehdu l-paga u l-bonus biss.

Mistoqsi jekk kienux qabdu lil xi hadd sabiex jaghmel valutazzjoni tal-kumpannija jghid li qabel ma dahlu l-qorti ma kienu qabdu lil hadd.

Dwar il-proprjeta` Cloyster`s Walk li qeghda San Giljan, xehed illi dik kienet akkwistata bi tpartit ma` irham li kien tal-kumpannija.

Ikkonferma l-kumpannija Buz-Dov kienet sub-contractor taghhom.

**Joseph Agius, Lawrence Agius, Angelo Agius, Rosario Agius u Mario Schembri kollha kkorraboraw x-xiehda ta` Nazzareno Agius.**

**L-awditur Sandro Grech** xehed illi huwa l-awditur ta` Agius Stone Works Limited u ta` Agius Marble Works Limited mill-2002 u ghadu sal-lum.

Qalet illi sal-31 ta` Dicembru 2001, Agius Marble Works Limited, kellha rizervi ta` € 222,385. Ghamel tabella tal-profitti u telf bejn l-2002 u l-2014. Matul dawn is-snin qatt ma gew dikjarati dividends jew inqasmu l-profitti. Il-profitt inghadd mar-riservi. Sal-31 ta` Dicembru 2014, ir-riservi tal-kumpannija telghu ghal € 907,104.

Dwar Agius Stone Works Limited xehed illi sal-31 ta` Dicembru 2001, din kellha rizervi ta` € 2104. Ghamel tabella tal-profitti u telf mill-2002 sal-2014. Anke f`dan il-kaz id-dividends qatt ma gew ddikjarati jew maqsuma. Ghalhekk il-bilanc tal-profitt li ghamlet l-kumpannija kien maghdud mar-rizervi, sabiex fil-31 ta` Dicembru 2014, ir-rizervi tal-kumpannija kienu jammontaw ghal € 449,429.

Stqarr illi ma kienx hemm qsim ta` dividendi taz-zewg kumpanniji ghaliex l-azzjonijisti ma riedux jisselfu jew jiehdu *overdraft* li ma jkunx kopert b`assi likwidi.

Dwar il-pagi, xehed illi l-pagi tad-diretturi kienu piu o meno l-istess bhall-pagi tal-impjegati l-ohra tal-kumpanniji. Fl-2006 il-pagi telghu ghal rati li normalment jithallsu lill-diretturi. Ipprrzenta tabella bil-pagi rispettivi tal-intimati bejn l-208 u l-2014. Minn stharrig li ghamel, direttur bil-kompiti li kellhom l-intimati jithallas medja ta` € 79,000 fis-sena. Ghalhekk anke l-aktar paga gholja li hemm fil-kumpanniji in kwistjoni hija 31% inqas minn dik normali..

**Nyal Xuereb** xehed illi huwa kien ilu tmien snin impjegat bhala project manager ta` Agius Stone Works Limited.

Stqarr illi l-ewwel darba li ra lir-rikorrent kien fid-19 ta` Gunju 2008 waqt l-access li kien sar ghal kuntratturi li kienu se jitfghu t-tender ghax-

xoghol ta` restawr ta` St. Christopher Bastion, Valletta. Dakinhar ir-rikorrent kien qed jakkumpanja lil James Mifsud li huwa direttur ta` Buz-Dov Limited.

Kompla jixhed illi kien hemm okkazjoni ohra fejn ra lir-rikorrent meta kienu ltaqghu kuntratturi in konnessjoni ma` *emergency work*s li kellhom isiru fuq il-bejt tal-Kon-Katidral ta` San Gwann, Valletta. Dakinhar huwa kien prezenti flimkien ma` Rosario Agius ghal Agius Stone Works Lmited. Ir-rikorrent ma kienx akkumpanjat. Xi hmistax wara, rega` rah fuq dak l-istess bejt jispezzjona x-xoghol li kien qed isir.

Fisser illi kien hemm okkazjoni ohra fejn ra lir-rikorrent u dan kien in konnessjoni mar-restawr ta` Palazzo De La Salle, Valletta.

**Perit Amanda Degiovanni** xehdet li kienet inkarigata mit-tender ghar-restawr ta` Palazzo De La Salle, Valletta. Ipprezentat il-minuti ta` laqgha fejn jirrizulta min kien prezenti.

**Cynthia Degiorgio**, Kuratrici tal-Konkatidral ta` San Gwann, xehdet illi ma tiftakarx jekk kienx sar *site visi*t qabel nghata t-tender ghal riparazzjonijiet tal-bejt ta` San Gwann. It-tender kienet haditu Unicorn Waterproofing Limited. Mistoqsija jekk ir-rikorrent kienx involut fix-xogholijiet xehdet illi ma kienx, izda tkompli li kien involut f`restawr li kien sar fuq il-bejt madwar l-2010. Fil-fatt kien ha t-tender ghal "*Repair works of the parapet wall and corners of the roof on the North West block overlooking St. John`s Street.*" IL-valur tat-tender kien ta` €4,127. Kien jinvolvi riparazzjoni. Ikkonfermat illi anke Agius Stone Works Limited kienet tefghet tender ghal dawn x-xogholijiet ; ghalhekk kienet qeghda tikkompeti mar-rikorrent.

## 2. Ir-relazzjoni tal-perit tekniku

**Il-Perit Joseph Ellul Vincenti** kien mahtur minn din il-Qorti diversament presjeduta bhala perit tekniku sabiex jaghmel deskrizzjoni u stima tal-proprjeta` mmobbli.

L-unika proprjeta` li ghandha l-kumpannija Agius Marble Works Limited hija l-fabbrika li tinsab Valletta Road, Mqabba.

Kien ikkostatat illi fil-fabbrika hemm –

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Office Block A | – stmat | € | 363,000 ; |
| 2. | Garage B | – stmat | € | 24,000 ; |
| 3. | Factory C/1 u C/2 | – stmat | € | 2,200,000 ; |
| 4. | Garage D | – stmat | € | 80,000 ; |
| 5. | Stone Carving Workshop E | – stmat | € | 120,000 ; |
| 6. | Bir ghac-cirkolazzjoni tal-ilma F | – stmat | € | 23,000 ; |
| 7. | Valur tal-art bhala freehold | – stmat | € | 680,000 ; |
| 8. | Xoghol generali | – stmat | € | 50,000. |

Ighid illi l-istima tal-valur tal-fond bhala kumpless hija kondizzjonata minn numru ta` obbligi li huma stipulati fil-kuntratt ta` akkwist tad-9 ta` Ottobru 1996, u huwa soggett ghal enfitewsi temporanja. Minhabba dawn il-fatturi il-valur komplessiv kien stmat fl-ammont ta` **€ 2,024,000**.

## 3. Ir-relazzjoni tal-periti komputisti

Id-ditta ta` awdituri Deloitte kienet nominata minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex tistma l-valur tal-assi.

Fir-relazzjoni Deloitte jghidu illi wara konsultazzjoni mal-azzjonijisti kien hemm qbil illi n-negozju ta` Agius Marble Works Limited, Agius Stone Works Limited u A+ Building Products Limited kienu jiffurmaw parti minn xulxin u ghalhekk setghu biss jaghmlu valutazzjoni tat-tlett kumpanniji flimkien u mhux individwalment.

Il-periti komputisti jaghmlu din il-valutazzjoni :-

| | | |
|---|---|---|
| Net Asset Basis Valuation | - | € 5,877,874; |
| Earnings Based Valuation | - | € 4,921,452; |
| **Average Value -** | **-** | **€ 5,399,663** |

Billi r-rikorrent ghandu sehem ta` wiehed minn sitta (1/6) tal-*investment properti*es u sehem ta` wiehed minn sebgha (1/7) tal-*business assets,* is-sehem tar-rikorrent jammonta ghal €836,526, li jeskludi kull *shareholder balances*.

## 3. L-eskussjoni

**L-awditur Raphael Aloisio** wiegeb ghal domandi in eskussjoni ghan-nom tad-ditta Deloitte.

Fix-xiehda tieghu, accetta li fir-rapport taghhom ma hadux in konsiderazzjoni s-salarju jew paga li r-rikorrent ma rceviex wara l-2001. Fl-istess waqt lanqas ma ghamlu distinzjoni bejn dawk l-azzjonisti li hadu salarju u dawk li ma hadux ghaliex hadmu *on a total remunera*tion.

Stqarr illi mill-informazzjoni li kellhom, dawn kienu jghixu mill-kumpanniji biss u ma kellhomx rimunerazzjoni ohra.

Mistoqsi jekk kenitx issir distinzjoni bejn salarju, paga, remunerazzjoni, dhul jew dividend wiegeb illi mill-fatti li jafu meta kien hemm tnejn min-nies li ma hadmux, kien hemm aggustament fis-salarju. Meta r-rikorrent ma thallasx ghamlu distinzjoni bejn il-posizzjoni ta` *share holde*r u l-posizzjoni ta` impjegat.

Ikkonferma li meta kellimhom huma kollha qalulu li minbarra t-Lm 30,000 fis-sena ma kellhomx rimunerazzjoni ohra.

Qal illi dawk il-profitti li ma gewx distribwiti kienu baqghu fil-kumpannija. Kien hemm zmien fejn il-profitti kienu naqsu u kien hemm anke perijodi fejn kien hemm telf. Mistoqsi jekk kienx hemm profitti li kienu marru ghax-xiri jew investiment ta` proprjeta` li ma kellhiex x`taqsam man-negozju, xehed illi dik il-proprjeta` li forsi nxtrat personalment hija dik li kienet elenkata taht isimhom. Ghalhekk ikkonferma li kien hemm profitti li marru fil-proprjeta` izda jghid li hadd minnhom ma tah x`jifhem li kien hemm divergenzi dwar dan. Ikkonferma wkoll li kien hemm perijodu ta` madwar sentejn fejn ghalkemm Mario Schembri ma kienx hadem, xorta kien baqa` r-rimunerazzjoni shiha ghal dawk is-sentejn.

Dwar l-bilanc pretiz mir-rikorrent, stqarr li meta staqsewh, dan ma kienx f`posizzjoni li jikkonferma dak l-ammont. Huwa ma setax jifhem d-differenza bejn l-bilanc tieghu u dak tal-ohrajn. Ir-rikorrent ripetutament qal li ma setax ikun hemm differenza bejn il-bilanci. Hadd mill-membri l-ohra ma tah spejgazzjoni dwar dan.

Ittiehed in konsiderazzjoni l-*goodwill* li hija d-differenza bejn l-valur li jispiccaw bih u n-*net assets* tal-kumpannija. Ghalhekk jista` jkollok *negative*

jew *positive goodwill*, ghaliex fejn hemm sitwazzjoni fejn l-valur tal-assi huwa inqas min-*net assets* hemm *negative goodwill*, jew il-maqlub. Meta jkun hemm *negative goodwill*, l-ahjar haga hija illi izzarma u tibda tbiegh l-proprjeta`. F`dan il-kaz kien hemm *negative goodwill*, ghaliex hemm aktar proprjeta` milli qliegh. Huma hadmu fuq l-accounts tal-ahhar hames snin u qaghdu fuq l-informazzjoni li tawhom il-partijiet izda ma saret l-ebda verifika ta` jekk hemm affarijiet fin-negozju li marru oltre l-*accounts*. L-awditur Sandro Grech ma tah l-ebda hjiel li seta` gara dan.

Mill-informazzjoni li kellhom Agius Stone Works Limited kienet kumpannija li baqghet attiva. Jidher li din ma kellhiex stock ghaliex dan kien fil-kumpanniji l-ohra. L-istocks qeghdin mal-assi, id-debituri u l-kredituri tat-tlett kumpanniji flimkien u dan indipendentement mis-*shareholding*.

Qal illi d-differenza bejn dak li ghandu jiehu r-rikorrent u dak li ghandhom jiehdu l-partijiet l-ohra tidher mill-*opening balance* tal-2001.

## 4. **Il-portata probatorja ta` relazzjoni teknika**

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Il-qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Il-*giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

## III. Sottomissjonijiet

### Fil-qosor

### Ir-rikorrent

Ir-rikorrent jissottometti li huwa twarrab ghal kollox mill-gestjoni ta` Agius Stone Works Limited ghalkemm ghadu direttur u azzjonista taghha. Mill-jum li ma baqax imur il-fabbrika sal-lum, ighid li baqa` ma rceviex il-hlas tax-xoghol li ghamel u lanqas id-dividends bhala azzjonista dovuti lilu. Kif lanqas ma thallas ir-rimunerazzjoni dovuta lilu bhala direttur u segretarju tas-socjeta`.

Ir-rikorrent jirrileva li meta ssir applikazzjoni tal-Art 402 tal-Kap 386 kull kaz ghandu jigi deciz skont il-fatti partikolari tal-kaz. Wara li jiccita d-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Monreal et vs Delia noe**" u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Jannar 203 fil-kawza "**Ellul vs Ellul et**", jirreferi ghal **Farrar`s Company Law** fejn l-awturi ghamlu riferenza ghad-distinzjoni ta` trattament li ghandha tircievi socjeta` zghira meta paragunata ma` socjeta` kbira jew pubblika. Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` in kwistjoni taqa` fil-kategorija ta` *quasi-partnership* ghar-raguni illi s-socjeta` kienet kostitwita mill-ahwa Agius bl-intendiment li jibqghu jahdmu, imexxu u jaqilghu l-flus mill-kumpannija kollha flimkien.

Skont ir-rikorrenti, huwa garrab pregudizzju u diskriminazzjoni bl-atti jew omissjonijiet tal-intimati hutu fis-segwenti sitwazzjonijiet :-

**<u>Bl-eskluzjoni totali mit-tmexxija tas-socjeta` ntimata minghajr raguni valida</u>** –

Ighid illi s-socjeta` ntimata kienet kostitwita bl-inizjattiva tieghu. Huwa kien responsabbli ghall-amministrazzjoni ghal dak li jirrigwarda tenders, kejl ta` xoghol u hrug ta` kontijiet lill-klijenti.

Skont ir-rikorrent, l-eskluzjoni tieghu mill-gestjoni tas-socjeta` jikkostitwixxi att jew omissjoni li jmur kontra l-Art 402(1) tal-Kap 386. L-intimati ghamluha cara mieghu illi ma rieduhx imur aktar il-fabbrika.

**<u>Bil-fatt illi matul is-snin ma ha xejn mill-profitti tas-socjeta` ntimata</u>** –

Ir-rikorrent jissottometti li mill-provi rrizulta li huwa qatt ma rcieva introjtu bhala azzjonista tas-socjeta`. Ma jistax ighid li l-istess huwa l-kaz ta` l-intimati hutu ghaliex jikkontendi illi huwa improbabbli ferm li dawn ma hadu xejn mill-profiti tal-kumpannija. Minkejja dak illi xehdu Mario Schembri kif ukoll l-awditur Sandro Grech, ma jaghmel ebda sens kumercjali li hutu bbaqghu qat ma hadu dividend. Anke dan in-nuqqas, ghar-rikorrent, jikkostitwixxi att jew omissjoni fil-konfront tieghu li jmur kontra l-Art 402(1) tal-Kap 386.

Dwar ir-relazzjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, jissottometti li l-valutazzjoni komplessiva tieghu hija ta` €3,540,000, li pero` kienet rivalutata mill-istess perit tekniku wara li ha in konsiderazzjoni li kien rikjest xoghol ta` tiswija fil-fabbrika fl-ammont ta` € 100,000. Naqqas ukoll 40% sbilli l-fabbrika hija mibnija fuq l-art li qeghda b`cens temporanju. B`hekk il-valur reali skont il-perit tekniku kien ta` € 2,024,000.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-perit tekniku naqas illi jiehu in konsiderazzjoni l-makkinarju u l-apparat li jinsab fil-fabbrika.

Ir-rikorrent ma accettax ir-riduzzjoni ta` 40% fil-valur ghaliex fil-fehma tieghu kienet drastika wisq.

Dwar il-valutazzjoni li saret mill-periti komputisti, ir-rikorrent kkontesta li l-ammont spetanti lilu jamonta ghal €836,526.

Ighid illi l-pretensjonijiet tieghu kienu sottovalutati.

Ir-rikorrent jissottometti li kien hemm nuqqasijiet fir-relazzjoni ta` Deloitte, u cioe` : a) nuqqas ta` investigazzjoni tar-rapporti finanzjarji tas-socjeta` ; b) li ma kienx hemm *cash distributions* lill-azzjonisti ; c) il-valutazzjoni tal-ishma ; u d) il-*goodwill.*

Dwar il-valutazzjoni tal-ishma, jirrileva illi ghalkemm huwa veru li normalment il-valutazzjoni ssir fuq *earnings based approach*, in vista tan-nuqqasijiet u d-dubji li kien hemm fil-kaz tal-lum, dan l-metodu kellu jigi skartat u minflok kellha ssir valutazzjoni a bazi tal-assi tal-kumpannija. Ghalhekk jekk ssir valutazzjoni a bazi tal-assi – *net asset approach* – il-valur totali tal-assi fir-rapport ikun jammonta ghal € 5,877,874. Ir-rikorrent ighid ukoll illi stante li valutazzjoni saret aktar minn tlett snin ilu, u stante li l-valur tal-proprjeta` Malta kienet qeghda toghla bir-rata ta` 3% fis-sena, dan kellu jincidi fuq il-valutazzjoni finali.

Dwar il-*goodwill*, jirrimarka li huwa naturali li l-ishma jigu trasferiti fuq bazi ta` "*going concern*" u li ghalhekk kellhom jinghataw valur addizzjonali ghal *goodwill*, b`mod specjali fil-kaz tal-lum meta wiehed iqis illi z-zewg socjetajiet huma "*leaders*" fil-kamp rispettiv taghhom u huma b`sahhithom bhala finanzi. Ghalhekk tittiehed l-istess valutazzjoni tal-assi, u tinhadem il-goodwill a bazi ta` sentejn b`return ekwu ta` 10%, dan kien jammonta ghal € 1,175,575.

Sahaq illi apparti l-valur tal-ishma, kien hemm diversi ammonti ohra dovuti mill-intimati. Kif irrizulta mir-rapport ta` l-periti komputisti, huma waslu ghall-konkluzjoni li huwa kellu jiehu € 55,285. Fakkar illi ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex l-intimati kellhom jiehdu d-doppju ta` dan l-ammont. Apparti dan, minn Dok AD5, kien jirrizulta li l-ammont li kellu jiehu kien €74.740.27. Din il-figura tirrapprezenta hlas dovut ta` LM 600 fix-xahar li kienu jiehdu l-ahwa Agius u Mario Schembri, li huma jsejhu bhala honoraria, u diversi pagamenti fejn fosthom kien hemm wiehed ta` Lm 5,000 li l-membri kollha tal-kumpannija kienu hadu fl-1999. Dawn l-ammonti ma kienux inkluzi fir-rapport ta` Deloitte u ghadhom dovuti sal-lum. Oltre dan stante li huwa kien ghadu jidher bhala direttur tas-socjeta` ntimata, hu kellu jithallas r-rimunerazzjoni li hadu d-diretturi l-ohra matul s-snin. Mir-

rapporti finanzjarji tas-socjeta`, jirrizulta illi bejn l-201 u l-2013, kull direttur ha ammont globali ta` € 234,792.41.

Fl-ahhar nett, issottometta illi ladarba huwa twarrab mill-gestjoni tas-socjeta, huwa kien imcahhad ukoll mill-"*pension plan*" li kien hejja ghall-beneficcju tal-azzjonisti u tad-diretturi. Huwa qatt ma gawda minn din l-iskema u ghalhekk kellu drit ghal kumpens.

Irrileva li huwa dejjem ghamel xogholu tajjeb. U dan kien fatt ippruvat. Min-naha l-ohra ma kienx ippruvat mill-intimati li huwa kien skorret fix-xoghol tieghu. Ghalhekk il-qorti kellha toqghod fuq il-provi tieghu u tiskarta dawk tal-intimati.

**<u>L-intimati</u>**

Ighidu illi l-prova ta` l-Art 402(1) tal-Kap 386 tispetta lir-rikorrent.

L-intimati ndirizzaw l-ilmenti tar-rikorrent.

Dwar l-ilment li allegatament kien eskluz mit-tmexxija tal-kumpannija, l-intimati jirrilevaw illi fix-xiehda tieghu, ir-rikorrent jaghmel enfasi fuq r-rwol li kellu hu fit-twaqqif tal-kumpannija. Jipprova jaghti l-impressjoni illi minghajr l-involviment dirett tieghu ma kien isir xejn. Min-naha taghhom, l-intimati jikkontendu illi ghalkemm ir-rikorrent kien strumentali biex issir il-kumpannija bhala tali, in-negozju li abbazi tieghu saret il-kumpannija kien diga` jezisti s-snin u sar mhux bil-hidma tar-rikorrent izda bil-hidma u bis-sengha ta` hutu. Infatti skont kif xehed l-intimat Nazzareno Agius, qabel ma dahal fix-xena r-rikorrent, l-ahwa l-ohra kienu diga` maghrufa fis-sengha tal-bini bhala Agius Brothers, u dan b`sagrificcju kbir specjalment ta` Nazzareno, Joseph u Rosario. L-ahwa ghal zmien twil lanqas paga ma kellhom. L-appalt li wassal ghat-tkabbir tan-negozju taghhom kien ir-restawr tad-Dar il-Mediterran. Il-kuntratt inkiseb minn Nazzareno Agius u dak iz-zmien halla profitt ta` mhux anqas minn Lm 40,000. Kien propju hemm illi r-rikorrent irrealizza l-potenzjal ta` hutu u hajjarhom biex issir Agius Stone Works Limited kif fil-fatt gara. L-intimati marru oltre ghaliex accettaw illi r-rikorrent ikun socju maghhom.

Li r-rikorrent ma jibqax involut fil-gestjoni tan-negozju, kienet decizjoni li ha r-rikorrent mhux l-intimati. Ic-cirkostanzi li waslu ghal din d-decizjoni lahqu l-qofol taghhom ghal habta tas-sajf tal-2001, ftit wara li

Nazzareno Agius talab li jibda jqatta aktar zmien fl-ufficcju sabiex jara dak li kien qed jaghmel ir-rikorrent. Ma kienx xi intervent kapriccjuz izda motivate mis-suspett li kellhom l-ahwa li r-rikorrent, li kien jiehu hsieb il-kotba u l-amministrazzjoni, ma kienx qed jimxi kif suppost u biz-zmien bdew jindunaw li kien hemm transazzjonijiet li ma kienux qeghdin qed jidhlu fil-kumpanniji. Hija ghalhekk inverosimili l-verzjoni tar-rikorrent li hu ma nduna b`xejn u hija aktar kredibbli l-verzjoni li jaghtu l-intimati. Skont Mario Schembri, ir-rikorrent kien imiss il-flus. L-intimati xehdu li ma riedux li r-rikorrent jitlaq, u li telaq kienet decizjoni volontarja tieghu. Minbarra dan rrizulta ukoll li anke wara li telaq fis-sajf tal-2001, meta kien ghadu direttur, baqa` jigi mistieden ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi, izda ghazla tieghu ma kienx jattendi.

Dwar l-ilment illi r-rikorrent qatt ma ppercepixxa xi beneficcju mill-kumpannija ghaliex qatt ma rcieva dividend, l-intimati ghamlu l-osservazzjoni illi d-diretturi ghandhom obbligu lejn l-azzjonisti li jikkunsidraw ghandhomx jigu ddikjarati dividendi u li dan ghandu jsir darba fis-sena. Dak pero` ma jfissirx li kien hemm obbligu fuq id-diretturi li jiddikjaraw dividendi ta` kull sena. Il-hlas tad-dividends ghandu jsir fejn ma jkun hemm ebda raguni kummercjali ghaliex id-dividends m`ghandhomx jithallsu. Fejn il-kumpannija tkun tehtieg li tkompli l-operat taghha, id-decizjoni li ma jithallsux dividendi tkun gustifikata. Huwa biss meta jkun hemm kumulu ta` profitti minghajr prospettiva ta` investiment u meta jkun hemm ukoll hlas ta` remunerazzjoni lid-diretturi li allura il-fatt li ma jithallasx dividend jista` jaghti lok ghal *unfair prejudice*.

L-intimati jissottomettu li mill-provi rrizulta li l-kumpanniji qatt ma ddikjaraw dividendi u ghalhekk ir-rikorrent kien trattat bl-istess mod kif kienu trattati l-membri l-ohra tal-kumpannija. Irrizulta ukoll li d-diretturi dejjem hadu linja konservattiva hafna fejn jidhlu l-flus u l-kapital tal-kumpannija mill-bidu nett. Ghalkemm l-intimat ghamel allegazzjonijiet, ma rrizultax ippruvat illi l-intimati qatt hadu jew qed jiehdu rimunerazzjoni eccessiva in kwantu diretturi u impjegati tal-kumpannija. Dak li jithallsu l-intimati, kif kien jithallas r-rikorrent, hija rimunerazzjoni ghax-xoghol li jaghmlu bhala impjegati tal-kumpannija u jithallsu pagi u bonuses. Dwar l-allegazzjoni li l-intimati setghu hadu assi ohra jew li saru pagamenti personali mill-flus tal-kumpannija, dan huwa kontradett mill-assjem tal-provi ghaliex kull tip ta` hrug dejjem irrizulta fil-kotba.

Ikompli jinghad mill-intimati illi r-rikorrent jirreferi ghal ammonti ulterjuri li jghid li huma dovuti lilu u cioe a) hlasijiet ghal xoghol li ghamel fiz-zmien li kien ghadu jmur ghax-xoghol ; u b) kumpens ghal flus li jghid li kien imcahhad minnhom fir-rigward ta` *pension plan*.

Dwar punt a) l-intimati jsostnu li t-talba hija preskritta skont l-Art 2148(d), l-Art 2149(c) u l-Art 2156(f) tal-Kap 16.

L-intimati jirrilevaw illi kienu ghaddew disa` (9) snin bejn meta r-rikorrent waqaf jahdem fl-2001 sakemm ghamel l-ewwel talba gudizzjarja fl-2010. Minghajr pregudizzju ghal dan, l-intimati jikkontendu illi r-rikorrent naqas li jipprova fil-konkret dak li allegatament huwa dovut lilu. Dan qed jinghad ghaliex mill-provi rrizulta li r-rikorrent kien jithallas Lm 600 fix-xahar, u li sal-ahhar tas-sena 1999, kien thallas dak kollu li kellu jiehu. Jekk ma thallasx ghas-sena 2000, dan ma rrizultax mill-provi u l-oneru li ssir l-prova kienet fuqu.

Dwar t-talba tar-rikorrent sabiex il-qorti tillikwida dawk l-pagamenti kollha "*rapprezentanti l-ammonti dovuti lilu in konnessjoni max-xoghol illi huwa ghamel ghal kumpannija intimata u kif ukoll d-dividends spettanti lilu bhala azzjonist fil-kumpannija intimata*" l-intimati jirrilevaw illi fl-ewwel lok qatt ma kien hemm hlas ta` honoraria lid-diretturi, fit-tieni lok, ma kienx hemm u ma hemmx *pension plan* tal-kumpannija, u fl-ahharnett, it-talbiet relattivi huma kollha preskritti.

L-intimati jkomplu jissottomettu li jekk il-qorti xorta tiddeciedi li ghandha taghti rimedju skont l-Art 402(3), allura l-qorti ghandha timxi fuq il-valutazzjoni li saret mill-esperti tal-qorti u mhux fuq il-valutazzjoni arbitrarja li ghamel ir-rikorrent. Ghalkemm ir-rikorrent jikkontendi li l-ishma gew sottovalutati, dak li nghad mir-rikorrent huwa ghal kollox zbaljat.

L-intimati jsostnu illi r-rikorrent kellu l-opportunita` li jitlob il-hatra ta` periti addizzjonali izda dan m`ghamlux.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li Deloitte ma vverfikawx r-rapporti finanzjarji, l-intimati jirrilevaw illi jekk ir-rikorrent ma kienx kuntent kien messu gab provi sostanzjati biex juri fejn il-verifika ma saritx korrettement. Lanqas dan ma sar.

Dwar l-ilment li kien hemm distribuzzjonijiet ta` flus jew assi apparti dawk rapportati, l-intimati jikkontendu li dak li nghad mir-rikorrent jinghad jibqa` allegazzjoni sprovvista minn provi.

Dwar is-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-qorti ghandha tadotta *net asset value based approach* u mhux *earnings based approach,* l-intimati jghidu illi r-rikorrent ha t-tieni linja ghaliex kienet l-oghla valutazzjoni, mentri l-periti komputisti ghamlu analizi tat-tnejn u kkonkludew illi kien aktar gust u ekwu li jiehdu l-medja taz-zewg valutazzjonijiet biex johorgu l-*fair value* tal-ishma.

Dwar l-ilment tar-rikorrent illi Deloitte ma kkunsidrawx il-fattur ta` l-*goodwill,* l-intimati jissottomettu li l-kumment tar-rikorrent kien zbaljat ghaliex il-periti komputisti ghamlu l-osseervazzjoni illi l-metodu ta` valutazzjoni li adottaw huma kien jikkomprendi l-*goodwill.*

## IV. <u>L-Art 402 tal-Kap 386</u>

Ir-rikorrent qieghed iressaq it-talbiet tieghu abbazi tal-**<u>Art 402 tal-Kap 386</u>**.

Dan ifisser illi l-procediment tentat mir-rikorrent mhuwiex azzjoni naxxenti minn ligi ordinarja izda azzjoni li titwieled minn *lex specialis.*

Dan ikompli jfisser illi l-parametri tal-azzjoni huma definiti mill-Att dwar il-Kumpanniji, kif dibattuti u trattati fid-dottrina nostrana u dik estera, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera.

Ikompli jfisser illi propju ghaliex l-azzjoni hija delineata minn *lex specialis* it-talbiet li jista` jaghmel rikorrent u d-difiza li jista` jaghmel intimat ghal azzjoni skont l-Art 402 mhumiex dawk li jistghu jsiru f` azzjonijiet li huma regolati bil-ligi sostantiva ordinarja u procedurali.

Dan qed jinghad *in primis* ghaliex huwa rilevanti ghall-fini tal-kaz taht ezami tenut kont ta` kif kienu mpostati t-talbiet u l-eccezzjonijiet.

Dan premess, il-qorti sejra taghmel riferenza ghal dawk mis-subartikoli tal-Art 402 li tqis rilevanti ghall-istanza tal-lum –

*(1) Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se*

*jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

...

*(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) ... il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa -*

*(a) li jirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur ; jew*

*(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta` xi att propost ; jew*

*(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*

*(d) jipprovdi ghax-xiri ta` l-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ; jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f`isem u ghan-nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik il-persuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta` kumpannija skond is-subartikolu (3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-Att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista` jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

Ghalkemm id-dicitura tal-Art 402(1) ittiehdet testwalment minn disposizzjoni simili li tirrizulta fil-Companies Act ta` New Zealand (u cioe` Sec 174 – NZ Companies Act 1993) tajjeb jinghad illi l-ligi ta` New Zealand segwiet l-izvilupp legislattiv tar-Renju Unit.

Fir-Renju Unit, kien hemm l-ewwel il-Companies Act 1985 (Sec 459).

Imbaghad fi zminijiet aktar ricenti kienet hemm il-Companies Act 2006 [Sec 994(1)].

Fil-fatt Sec 459 thassret ghal kollox mill-Companies Act 1985 u dahlet ezatt kif kienet bl-Art 994(1) fil-Companies Act 2006.

Fil-pag 485 ta` l-ktieb **<u>Company Law</u>** (Fourth Edition – 2016 – OUP) **<u>Brenda Hannigan</u>** tghid :-

*"Where the court is satisfied that a petition under s. 994 is well founded, it may make such order as it thinks fit for giving relief in respect of matters complained of [s 996(2)]"*

**Dan premess, riferibbilment ghall-kaz tal-lum, sabiex il-qorti taghti konsiderazzjoni ghat-tieni (2) ghat-tielet (3) u ghar-raba` (4) talbiet tar-rikorrent jew sabiex taghti xi ordni iehor anke jekk mhux dak specifikament mitlub mir-rikorrent, skont kif previst fis-subartikoli (3), (4) u (5) ta` l-Art 402, hija tassattiva <u>l-prova</u> tal-att li minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti.**

**Dan ifisser illi jekk abbazi tal-provi akkwiziti, il-qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni skont is-subartikoli l-ohra, inkluz ghalkemm mhux bilfors dak li jkun intalab mir-rikorrent.**

**Jekk il-prova tkun insodisfacjenti ghaliex ma jkunx irrizulta dak previst mis-subartikolu (1), allura l-qorti ghandha tieqaf hemm, u ma ghandhiex tapplika dak previst fis-subartikoli l-ohra, li allura**

**jfisser illi riferibbilment ghall-kaz tal-lum, it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet jigu rigettati.**

**Ghalhekk il-prova tas-sussistenza legali u fattwali ta` dak li jipprovdi s-subartikolu (1), u cioe` ghall-kawza tal-lum, fil-kuntest tal-ewwel (1) talba, hija pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-azzjoni, u allura ghall-konsiderazzjoni tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba` (4) talbiet tar-rikorrent.**

## V. Il-prova

Fil-Pag 970 ta` **Principles of Maltese Company Law** (MUP – 2007) **Andrew Muscat** ighid illi –

**fuq ir-rikorrent jinsab il-piz tal-prova li l-att jew omissjoni jaqa` fl-ambitu tas-subartikolu (1).**

Ighid infatti li –

*This wording* (tal-subartikolu 1) *clearly suggests that the member **need only prove one effect** of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et**" inghad hekk –

*Illi **l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li... (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz*

*b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Fil-pag 492 ta` **Company Law** (op. cit.) **Brenda Hannigan** tghid :-

*"Whether the company`s affairs are being or have been conducted in a manner which is unfairly prejudicial to the petitioner`s interest is an objective, not a subjective, matter. The prejudice must be real, rather than merely technical or trivial, and the petitioner does not have to show that the persons controlling the company have acted deliberately in bad faith or with a conscious intent to treat him unfairly.*

*The conduct complained of must be prejudicial in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest of the member (usually, but not limited to financial damage) and also unfairly so (usually connoting some breach of company law or the constitution but not limited to that) and it is not sufficient if the conduct satisfies only one of these tests." [enfasi u sottolinear ta` din il-qorti].*

## VI. Gurisprudenza

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Ellis vs Ellis"** inghad hekk –

*Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata ;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*… l-Artikolu 402 ta` l-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess …*

*… din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta` l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita`* ***("Vincent Monreal et v. Lino Delia noe"*** *deciza mill- Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju, 1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in re* ***Bovey Hotel Ventures Ltd*** *[(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*… Fid-decizjoni* ***O`Neill v Phillips*** *moghtija mill-House of Lords fl-20 ta` Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta` dak li huwa `fair`. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed.*

Fid-decizjoni **<u>In Re Bovey Hotel Ventures Ltd.</u>** (1983) Slade J ighid dwar `*unfair prejudice*` –

*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith ; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests."*

Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" (op. cit.) inghad –

*Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Ellul vs Ellul pro et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*… Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta` l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut ta-ssocjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta` sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista` jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x`aktarx jinstabu f` kumpaniji zghar privati li ta` sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti :-*

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company ;*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members` interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta` Ottubru 2016 fil-kawza **Av. Dr. Pio M. Valletta noe vs Jeno Torocsik et** inghad illi sabiex ikun hemm *unfair prejudice,* (a) it-*test irid ikun wiehed oggettiv* ; (b) *M`hemmx htiega li l-attur jipprova l-mala fede* ; (c) *M`hemmx htiega li l-attur jipprova li kien hemm intenzjoni li tikkawza pregudizzju* ; *(d) Mhux gust ma jfissirx bilfors li l-agir irid ikun illegali ;* u (e) *L-agir irid ikollu effett negattiv fuq l-attur bhala azzjonist.*

Fid-decizjoni **Re Coroin Ltd** – 2012 – All ER (d) 58(Feb) – EWHC 129 (Ch) – moghtija mic-Chancery Division tal-Ingilterra – David Richards J. qal hekk :-

*"630 Prejudice will certainly encompass damage to the financial position of a member. The prejudice may be damage to the value of his shares but may also extend to other financial damage which in the circumstances of the case is bound up with his position as a member … The prejudice must be to the petitioner in his capacity as a member but this is not to be strictly confined to damage to the value of his shareholding. Moreover, prejudice need not be financial in character. A disregard of the rights of a member as such, without any financial consequences, may amount to prejudice falling within the section.*

*631 Where the acts complained of have no adverse financial consequences, it may be more difficult to establish relevant prejudice. This may particularly be the case where the acts or omissions are breaches of duty owed to the company rather than to shareholders individually. If it is said that the directors or some of them had been in breach of duty to the company but no loss to the company has resulted, the company would not have a claim against those directors. It may therefore be difficult for a shareholder to show that nonetheless as a member he has suffered prejudice …"*

## VII. Dottrina

Fil-pag. 464 ta`**Ferrar`s Company Law** – Third Edition - jinghad hekk –

… *The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders` agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*"That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies.*

Fil-pag. 409 ta` **Cases and Materials on Company Law** – Fifth Edition – **Hicks and Goo** – ighidu :-

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (re a company (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; O`Neill v Phillips. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different …Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

Fil-pag. 449 ta` **Farrar`s Company Law** - Fourth Edition - jinghad illi –

*A member`s interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies` Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company`s affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties.*

Fil-pag. 506 ta` **Company Law** (op. cit.) **Brenda Hannigan** tghid :-

*"Mere deadlock between the parties who have lost trust and confidence in one another is insufficient then to merit relief under CA 2006, s 994,* ***in the absence of prejudicial conduct****."* [enfasi u sottolinear ta` din il-qorti].

Fil-pag. 711 ta` **Boyle & Birds` Company Law** (Eight Edition – 2011 – Jordans) l-awturi jghidu :-

*"The term "unfair prejudice" whether analysed as a `standard` or a `concept` is a arelatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the complaining shareholder, even if the respondents can claim to have acted in the best of good faith."*

Fil-pag. 691-692 ta` l-ktieb **Gower and Davies** - **Principles of Modern Company Law** (Eighth Edition – 2008 – Sweet & Maxwell) jinghad illi :-

*" … the courts recognised that sec 994 protects expectations and not just rights. Borrowing from public law, it is sometimes said that the section protects the "legitimate expectations" of the petitioner, though more recently the courts have preferred the private law phrase "equitable considerations" [Qorti tal-Appell Ingliza fil-kawza "Saul D Harrison & Sons plc" – 1995 – ghall-uzu tal-frazi "legitimate expectations" ; House of Lords – "O`Neill vs Phillips" – 1999 – ghall-uzu tal-frazi "equitable considerations"] Whatever the language used, the difficult issue is to distinguish those expectations of the petitioner which are to be classified as "legitimate" or which considerations are to fall within the category of "equitable considerations" and so as deserving of legal recognition and protexction from those expectations which the petitioner may harbour as a matter of fact but which the courts will not protect."*

Fil-pag 569-570 tal-ktieb **<u>Company Law</u>** (26th Edition – 2009/2010 – OUP) l-awturi **<u>Mayson, French & Ryan</u>** ighidu hekk b`riferenza ghad-decizjoni ta` Re Saul D Harrison and Sons, citata aktar kmieni :-

*"The words `unfairly prejudicial` are general words and they should be applied flexibly to meet the circumstances of the particular case … The conduct [being complained of] must be both prejudicial [in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest) and also unfairly so ; conduct may be unfair without being prejudicvial or prejudicial without being unfair, and it is not sufficient if the conducts satisfies only one of these tests."*

Ikomplu billi jaghmlu riferenza ghal "**<u>O`Neill vs Phillips</u>**" (op. cit.) in partikolari dwar l-ghazla li ghamel il-Parlament Ingliz –

*"Parlament has chosen fairness as the criterion by which the court must decide whether it has jurisdiction to grant relief … it chose this concept to free the court from technical considerations of legal right and to confer a wide power to do what appeared just and equitable. But this does not mean that the court can do whatever the individual judge happens to think fair. The conc ept of fairness must be applied judicially and the content which it is given by the courts must be based upon rational principles. Although fairness is anotion which can be applied to all kinds of activities its content will depend upon the context in which it is being used."*

## VIII. <u>Risultanzi dwar l-Art 402(1)</u>

**Il-Qorti sejra tqis jekk l-ilmenti li ghamel ir-rikorrent in sostenn tal-ewwel (1) talba jissoddisfawx il-vot ta` l-Art 402(1).**

**Tajjeb li jkun ribadit illi sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-ligi jkun bizzejjed jekk tirrizulta mqar wahda mic-cirkostanzi ndikati fl-Art 402(1). Il-legislatur infatti ghazel il-konguntiv *jew* mhux *u* fit-test tal-ligi. Dan ifisser illi r-rekwiziti huma alternattivi mhux kumulattivi.**

**1. <u>L-ilmenti</u>**

**<u>Fis-sostanza</u>**, l-ilmenti tar-rikorrent kienu dawn :-

a. L-eskluzzjoni totali tieghu mit-tmexxija tas-socjeta` bla raguni valida.

b. Illi huwa ma ppercepixxa la l-pagamenti dovuti lilu relatati ma` xoghol li ghamel, u lanqas ma ha d-dividendi spettanti lilu bhala azzjonista.

**2. <u>Il-konflitt tax-xiehda</u>**

Fil-kors tal-gbir tal-provi, il-qorti osservat bic-car illi kien hemm konflitt nett fil-verzjonijiet li nghataw mill-partijiet interessati.

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et vs Gauci et</u>** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc*

*tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

…

*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa*

*ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza … certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-*

*allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**3. <u>Konsiderazzjonijiet dwar l-ilmenti</u>**

**Ir-rikorrent jilmenta illi kien totalment eskluz mill-gestjoni u mit-tmexxija tas-socjeta` minghajr raguni valida.**

Kontra ta` dak li gara fil-kaz tal-kumpannija Agius Marble Works Limited, fil-kaz tal-kumpannija Agius Stone Works Limited, ir-rikorrent ma tnehhiex mill-karigi tieghu ta` direttur u ta` segretarju.

Waqt li kien qieghed jixhed, ir-rikorrent stqarr illi ma setax jifhem x`wassal sabiex l-intimati jibdlu l-imgieba taghhom fil-konfront tieghu.

It-twegiba min-naha tal-intimati giet fis-sens illi b`effett mis-sajf tas-sena 2000, kien ir-rikorrent li waqaf imur il-fabbrika u li ghalkemm kienu jghidulu biex imur ghal-laqghat statutorji ghazel li ma jmurx.

L-intimati xehdu illi kienet biss id-decizjoni tar-rikorrent illi ma jmurx aktar il-fabbrika mhux xi projbizzjoni taghhom fil-konfront tieghu.

Il-qorti tinsab sprovvista minn prova **<u>konklussiva</u>** ghaliex ir-rikorrent ha d-decizjoni li ma jibqax imur il-fabbrika.

Ghal din il-qorti, fi procedura **<u>serja</u>** bhal ma hija din tal-lum, ir-rikorrent ma kellux jistrieh fuq l-incident tal-karozza.

Il-qorti tghid dan ghaliex dak kien incident izolat illi **<u>wahdu</u>** ma jistax jinghad illi seta` jew kellu jwassal ghad-decizjoni li ha r-rikorrent.

Accertati dawn il-fatti, il-qorti tkompli tghid illi kienet x`kienet il-portata ta` dak l-incident izolat, xejn ma kellu jzomm lir-rikorrent (jew xi hadd ghan-nom tieghu) milli ma jibqax jattendi ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi jew ghal-laqghat generali tal-azzjonisti.

Fil-kaz ta` Agius Stone Works Limited, ma kienx hemm eskluzjoni mill-gestjoni ta` dik is-socjeta`.

**Dan l-ilment tar-rikorrent ma jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi.**

**L-ilment l-iehor li jirrigwarda hlasijiet illi r-rikorrent jikkontendi li huma dovuti lilu.**

Jirrizulta illi r-rikorrent ma baqax imur il-fabbrika fis-sajf tas-sena 2000.

Jallega illi l-ahhar pagament li rcieva kien f` Gunju 1999.

Min-naha l-ohra, ix-xhud Mario Schembri, li kien jiehu hsieb il-hlas tal-pagi, isostni li r-rikorrent thallas dak kollu li kellu jiehu bhala paga sal-gurnata li telaq.

Mhux hekk biss izda jixhed ukoll li r-rikorrent ha wkoll flus bil-quddiem ghaliex kellu bzonn taghhom.

**Il-qorti terga` tinsisti li din tal-lum hija kawza li saret abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386.**

**Dan ifisser illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jibqghu nkwadrati fl-ambitu ta` dik id-disposizzjoni.**

Dan premess, ir-rikorrent jilmenta li qatt ma kien hemm tqassim tal-profitti.

Milli rrizulta, skont l-assjem tal-provi, inkluzi l-kostatazzjonijiet peritali, tajjeb jinghad illi fil-kumpannija de qua, l-ghazla dejjem kienet illi jithaddem negozju b`mod konservattiv u tradizzjonali fis-sens illi kull profitt li jsir ikun investit fil-kumpannija ghall-fini tat-tkattir tan-negozju taghha.

Irrizulta mill-provi li ma kienx hemm hlas ta` dividendi.

Li jfisser li hadd mill-azzjonisti ma thallas dividendi.

Dan jirrizulta bhala fatt mhux biss mill-persuni li xehdu izda anke mir-relazzjoni tal-periti komputisti, li bhala tali tikkostitwixxi prova ta` fatt.

Fil-kawza tal-lum, bil-kontra ta` li gara fil-kaz tas-socjeta` Agius Marble Works Limited, jirrizulta li r-rikorrent baqa` direttur u segretarju ta` Agius Stone Works Limited u ghandu l-istess ghadd numru ta` ishma daqs hutu.

Ghalhekk huwa jinsab fl-istess posizzjoni ta` l-intimati hutu fejn si tratta ta` hlas ta` dividends.

Dwar in-nuqqas ta` hlas ta` honoraria jew paga ghall-fatt li r-rikorrent huwa direttur u segretarju, irrizulta mill-provi, inkluz mir-relazzjoni peritali, illi fis-socjeta` de qua huma dawk biss li effettivament jaghtu kontribut materjali fix-xoghol illi jircievu paga jew honorarja.

Irrizulta li b`effett mis-sajf tas-sena 2000, ir-rikorrent mhuwiex qed jaghti kontribut materjali lis-socjeta` direttament bil-hidma tieghu.

Tenut kont tal-fatt illi din tal-lum hija azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386, ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jircievi hlas ghaliex huwa direttur u segretarju ta` socjeta` li mhux partecipi fl-attivitajiet taghha sa mis-sajf tal-2000.

Irrizulta li kien ghazla tar-rikorrent li jmur aktar il-fabbrika, decizjoni li fil-fehma tar-rikorrent kienet gustifikata, liema raguni din il-qorti tghid illi kienet infondata, ghaliex ma kenitx sodisfacjentement ippruvata.

**Fil-fehma konsiderata ta` din il-qorti, ir-rikorrent ma ppruvax l-ilmenti tieghu a tenur tal-Art 402(1) tal-Kap 386 sal-grad rikjest mil-ligi.**

**Ghalhekk ma hemmx lok ghal din il-qorti illi tqis l-ghoti ta` rimedji skont l-Art 402(3) ladarba ma saritx il-prova ta` dak li jirrikjedi l-Art 402(1) tal-Kap 386.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjoni billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati kollha.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**